# 'L hawn u 'l hinn fuq il-Grammatika Maltija.

Fost dawk li għoġobhom jaqraw u jgħarblu l-Grammatika Maltija li ħriġt dan l-aħħar għall-Klassijiet il-Għolja tal-Liċeo u għal xi Klassijiet oħra fejn hemm studenti li jixtiequ jitgħallmu iżjed fil-wisa' r-reguli tal-Morfoloġija Maltija kien hemm min hu tas-sengħa sewwa li għoġbu wkoll jaqraha u jgħaddiha mill-għarbiel ta' dehnu u fiha iktarx kellu jsib xi jnaqqi, u ta' dan jien u min miegħi kellu sehem fid-damma u tifsil tar-reguli tal-grammatika ma kellniex għalfejn nistagħġbu ¦u lanqas nitfanstu, iżda iktarx li nifirħu u nroddu mitt ħajr lil dan il-qarrej ħabib tagħna. Illi wieħed jaqra bla ma jiżen dak li jaqra u minn fuq ifaħħar addoċċ mhix ħaġa ta' ġieh u ħaqq, la għal min ikun qara u lanqas għal min ikun kiteb. Jien nitgħaxxaq b'min jaqrani u jiflini għax dan hu biżżejjed għalija biex jagħtini x'nifhem illi x-xogħol tiegħi xi ħadd għoġbu jistmah u jiżen ilmertu tiegħu.

Dana, mill-banda l-oħra, ma jfissirx illi l-kittieb għandu jaqbel f'kollox mar-reqqa tal-kritika li ssirlu mill-qarrej: xejn minn dan kollu, u lanqas li l-kittieb m'għandux jaqbel mal-fehma xierqa u ta' ħaqq li b'riħitha jistgħu jissewwew xi għiltijiet li wieħed sata' dlonk jieħu f'xogħol iebes u mwiegħer bħalma hu dak ta' Grammatika Maltija għal idejn l-istudenti tal-lum. U għalhekk jien deherli li ma nagħmel xejn ħażin (iżda jkun ta' fejda) kieku fuq xi osservazzjoni żgħira li saret 'l hawn u 'l hinn fuq il-Grammatika Maltija li ħriġt dan l-aħħar jien infisser xi ħaġa biex infiehom u niftiehem aħjar.

Ingħad, fost ħwejjeġ oħra, illi t-Tempijiet Sekondarji jew Komposti, kif ukoll il-Mod Soġġuntiv u Kondizzjonal, li hemm imdaħħlin fil-Morfoloġija, lill-Grammatika jagħtuhom xejra latina, ingliża u taljana. Tassew li skond il-Grammatika Semitika (biex ma nsemmix il-Għarbija li fuqha jaqbel nimxu) fil-Malti ma hemmx ħlief il-Perfett u Imperfett u l-Mod Imperativ (fil-waqt li l-Infinitiv u l-Partiċipju, li ma fihom ebda Tempijiet, jitqiesu bħala *nomi verbali*) iżda l-grammatiċi għarbin stess sabiex ifissru x-xbihat kollha tal-ħsieb skond il-Grammatiki Ewropej maż-żmien ħteġilhom iqassmu f'tempijiet u modi oħra l-verb tagħhom u ħolqu għaldaqshekk xi sinjali fuq il-finitiv tal-verb li għandhom saħħa jżldu l-modi u t-tempijiet tal-verb Għarbi. Fil-Għarbi Volgari jinqdew għalhekk tajjeb u aħjar bil-verb Awżiljarju *kien*,

*ikun*, u b'xi partiċelli bħalna, għal dawk li huma Soġġuntiv, Kondizzjonal u Ottativ.

Patri Gabiriele Maria D'Aleppo, li kiteb xi żewġ Grammatiki tal-Għarbi għat-Taljani, iqabbel it-Tempijiet Sekondarji jew Komposti fil-Għarbi ma' dawk tat-Taljan u jfisser fuqhom fil-wisa' (*Grammatika della Lingua Araba*, etc. 1902 pp. 145-150) u F. Panzavecchia fil-Grammatika tiegħu (*Grammatica della Lingua Maltese*, 1845), sabiex imur mal-ħtieġa tal-moħħ ta' l-istudent Malti, imexxi l-konjugazzjoni tal-verb malti fuq dak li jroddu l-ilsna Ewropej, għalkemm kif għidna, dawn it-Tempijiet u Modi, il-Grammatika Għarbija titkellem fuqhom ukoll.

Kif fissirt fil-Prefazzjoni tal-Grammatika tiegħi, fit-taqsim u tifsil ta' reguli, u l-iktar ta' dawn it-Tempijiet u Modi, (li kienet biċċa għadma iebsa,) biex tqabbilhom ma' dawk li hemm fl-Ingliż u fit-Taljan, jien kelli l-għajnuna u d-dawl ta' bniedem imħarreġ fit-tagħlim iktar milli jien, li hu s-Surmast G. A. Cilia ta' l-Imġarr li, b'riħet id-dehen u sens prattiku tiegħu, ir-reguli u l-eżempji tfasslu skond ma jitlob il-moħħ ta' l-istudenti li qatt ma tgħallmu la l-Għarbi u lanqas il-Lhudi.

It-taqsim ta' l-Aġġettiv skond ma nafuh fil-grammatika Ingliża u Taljana ta' x'igħid xi ftit ukoll. Iżda taqsim bħal dan dlonk insibuh fi grammatiki prattiki tal-lsien Għarbi miktubin minn Arabisti u Grammatiċi. Gabriele M. D'Aleppo ma jistmellx l-ewwelnett li jitbiegħed mhux ftit, bħalma jistqarr hu stess, (Ara fil-Gram. hawn fuq imsemmija, pp. 25-26) mill-metodi tal-Grammatika Għarbija għal dak li hu taqsim tal-Bċejjeċ tad-Diskors li fil-Għarbi huma tlieta biss, jiġifieri: il-Verb, in-Nom u l-Partiċelli, fejn man-Nom hemm imdaħħal il-Pronom u l-Aġġettiv, u fil-Partiċelli l-bċejjeċ indeklinabbli, bħalma huma : preposizzjoni, avverbju, konġunzjoni u interjezzjoni li dlonk issibhom imfissrin għalihom fil-grammatiki skolastiċi tal-Għarbi. Hekk ukoll insibu, f'xi Grammatiki prattiċi, imqassam l-Aġġettiv, fuq il-fasla tal-Grammatiki Ewropej. G. M. D'Aleppo (Gram. hawn fuq-imsemmija, pp. 75-106) dlonk iqassam l-Aġġettivi, tista' tgħid bħalna, fi kwalifikativi, determinativi, dimostrativi, indefiniti, eċċ., u fosthom, bħal ħafna oħra, igħodd ukoll l-aġġettivi, il-pronomi possessivi u nomi numerali. Għalhekk, għalkemm kelmiet bħalma huma : *ħafna*, *naqra*, *ftit*, eċċ., għandhom is-sura ta' nomi mnisslin mill-verbi : *ħafen*, *naqar*, u *fetet*, *fettet*, jistgħu, *skond il-qagħda tagħhom fid-diskors u t-tifsir tagħhom*, jitqiesu, bħal fi grammatiki ta' ilsna oħra, bħala

aġġettivi, kif ukoll xi mindaqqiet bħala avverbji : *kiel ħafna ħobż*; *xrobt naqra nbid*; *ftit meraq*; fejn *ħafna*, *naqra*, *ftit* jistgħu jitqiesu bħala aġġettivi fil-waqt illi jekk ngħidu : *Dak jogħġobni ħafna*; *jaf jikteb xi naqra*, *naf xi ftit*, *bil-ftit il-ftit; ħafna naqra* u *ftit*, jistgħu jitqiesu bħala avverbji.

Hekk ukoll il-klejma *kull* (*koll*), li f'xi grammatiki nsibuha fost l-aġġettivi : *kull bniedem*, eċċ., u li magħquda massuffissi pronominali : *kollni*, *kollok*, *kollu*, *kollha* eċċ , tiġi li toqgħod ukoll bħala aġġettiv : *it-tjur kollha nxtraw bir-rħis*, eċċ., fil-waqt li *f'kull ħin*, *f'kull bniedem*, *f'kulħadd*, *kull* hija pronom, u *f'kullimkien*, *f'kulfejn*, *kull* magħquda ma' nom jew partiċella oħra hija avverbju.

Lill-istudenti tal-Liċeo, u studenti oħra li ma għandhom ebda ħjiel ta' dak li tista' ssarraf il-morfoloġija semitika, jaħtieġ li wieħed ifehemhom bid-dawl tal-prinċipji u teknika tal-grammatika latina, taljana jew ingliża biex ikunu jistgħu jixtarru sewwa dak kollu li *sostanzjalment* trodd il-grammatika maltija. Jiġi mis-surmat li mbagħad jagħżel bejn forom u applikazzjoni ta' aġġettiv u jfissirhom lill-istudenti. Il-veri forom ta' l-aġġettivi jidhirli li huma mogħtijin biżżejjed fil-wisa' fil-grammatika skond ma hu mitlub mir-reguli tal-morfoloġija.

Fost ħwejjeġ oħra staqsew ukoll kif kien il-*w* sejjaħtilha dgħajfa fil-waqt li ma turi ebda dgħufija bħalma fil-verbi *lewa*, *sewwa*. Barra minni, il-*w*, flimkien ma' seħbitha *j* u *Elif*, bosta grammatiċi għoġobhom isejħulha dgħajfa (Ara Wright.*A Grammar of the Arabic Language*. 1896 Vol. I. paġ. 71. par. 125-7 u Vaccari: *L'Arabo Scritto* eċċ. paġ. 4. par. 8, u oħrajn). Jekk il-*w* ma tibqax siekta jew ma titbiddilx ma' sħabha jew ma tivvokalizzax ruħha fil-verbi dgħajfin tal-għamla *lewa*, *sewa* (involutivi congiunti), ir-raġuni, naħseb, jien, hija fonetika, billi f'dawn il-verbi l-*w*, bħal *j* f'*għeja* (j) flok konsonanti sħiħa bħal fil-verbi moħfijin (*dawar-dar*), għandha warajha konsonanti oħra dgħajfa.

Fuq li l-verbi *ħonoq* u *għokos* mhumiex passivi naħseb li hija ħaġa wisq ta' sreqqa kbira biex tagħżel mill-forma tal-vokalizzazzjoni passiva *o-o* (l-Għarbija *u-i*) il-verbi li huma iktarx *neutri* milli *neutri passivi*, jew li aktarx dawn milli dawk; bħal fil-verbi *għokos*, *għolob*, li f'sens ġenerali huma *neutri*, fil-waqt li *ħoloq* (*neutru—to be created*, *crearsi* ) xi dizzjunarji jagħtuh bħala forma mżewqa ta' *ħalaq* (transattiv). Panzavecchia (Gram. della Lingua Maltese. Libro Primo. Paġ. 208) jagħti l-forma *ħonoq* (passiva, *affogarsi*, *rendersi affogato*) fuq dik tal-Għarbija, minn *ħanaq*, (attiva,

*affogare*). Billi fil-Malti, bħalma madankollu nsibu wkoll fil-Għarbi Volgari, il-forma passiva iktarx titfisser bil-forom tal-verbi mnisslin u bl-awżiljarji *kien* u *ġie*, u mhux bil-proċess vokaliku, il-vokalizzazzjoni *o-o* f'verbi *neutri* jew intransitivi qajla tingħażel fit-taħdit, u, għalhekk ukoll, fil-kitba. Fit-tieni edizzjoni bi ħsiebni, għalhekk, innaqqas minn dawk l-eżempji li fuqhom jista' jkun hemm dubju jekk il-vokalizzazzjoni hi iktarx taħsir ta' pronunzja jew tidkir ta' konsonanti gutturali milli fdal ta' forma passiva, li fil-Malti, tidher li għoddha ntilfet għal kollox.

A. Cremona.